# *Ftit tagħrif dwar Antonio Sciortino (1879 - 1947)*



Antonio kien it-tielet wild ta' Ġużeppi u Saverja neè Sant, it-tnejn bdiewa. Ħutu kienu Francesco, il-kbir, Maria it-tieni, u Grazzja iż-żgħira. Mill-erbat aħwa Francesco (li kien Perit u Skultur) biss iżżewweġ. Min jafu jgħidlilna li Antonio kien bniedem ta' statura qasira, dħuli u ġentili ħafna.

Dan li ġej huwa profit qasir ta' ħajtu u xogħolu, ippreparat mis-Sur Noel Sciortino li n-nannu tiegħu Joseph jiġi secondo kuġin ma' Antonio.

**Antonio Sciortino**

- Twieled Ħaż-Żebbuġ Malta fil-25 ta' Jannar 1879 fit-8 ta' fil-għaxija.
- Ġie mgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' San Filep fejn tawh l-ismijiet Antonio, Pawlu, Filippu u Faċifiku.
- Fl-1899 rebaħ borża ta' studju mingħand il-Gvern u kien issussidjat mis-Soċjetà tal-Arti Manifattura u Kummerċ. Mar Ruma jistudja l-arti fl-Istituto Reale di Belle Arti.
- 1902 spiċċa il-kors u kiseb diploma fl-inġinerija u skultura momunentali. Fetaħ studju f'33 Via Margutta Ruma.
- Kemm dam Ruma qatt ma biddel iċ-ċittadinanza għalkemm kien imħeġġeġ ħafna minn sħabu Taljani biex jagħmel hekk. Darba fettillu jibagħat kompożizzjoni ta' figuri, għal kompetizzjoni li kienet miftuħa għaċ- ċittadini Taljani biss, iżda taħt nom-de-plume. Ġew magħżula l-aħjar erba', waħda minnhom tiegħu. Kif saru jafu li kien Malti mill-ewwel ġie skwalifikat.
- Mill-1900 sal 1936 huwa kien direttur tal-Akkademja Ingliża ġewwa Ruma. Meta għalaq 25 sena direttur l-Ambaxxatur Ingliż ippreżentalu 'tray' tal-fidda bħala apprezzament tax-xogħol tiegħu lejn l-Akkademja.
- 1936 imħabba tilwima bejn Ingliterra u l-Italja l-Akkademja Ingliża kellha tagħlaq u Sciortino ġie Malta. Huwa ħalla xogħlijiet tiegħu warajh f'studju ġewwa Ruma.
- Matul il-gwerra huwa kien refuġjat ir-Rabat għand Mons. Buhagiar li kien jiġi prim kuġin tiegħu.
- Lura Malta kien laħaq Kuratur tal-Arti fil-Mużew Nazzjonali u dam 11 il-sena, sa ma miet.
- 2 ta' Frar 1947 irregala x-xogħol tal-ġibs kollu li kellu f'istudju tiegħu ġewwa Ruma lill-poplu ta' Malta. Id-donazzjoni saret fil-palazz tal-Arċisqof fil-Belt. Għal poplu Malti dehru Sir Ġorġ Borg u l-Arċisqof Gonzi, Profs. Presiozi u Ġuże Galea xhieda, Miss Buhagiar bħala prokuratriċi ta' Antonio għax kien diġà qed ibati minn paraliżi progressiva. Il-kuntratt sar quddiem in-Nutar V.M. Pellegrini. Ġuże Galea kien ġie magħżul minn Antonio Sciortino stess biex iġib lura x-xogħlijiet kollha mill-istudju ta' Ruma. L-affarijiet b'kollox meta ngarru kienu mal-35 kaxxa. In-Navy Ingliża pprovdiet trasport b'xejn minn Ruma għal Malta. Fl-14 ta' Lulju saret l-ewwel esibizzjoni f'Malta ta' dawn ix-xogħlijiet. Illum dawn jinsabu esibiti fil-Mużew tal-Arti l-Belt.
- 10 ta' Awissu 1947 miet fid-dar ta' oħtu Maria ġol-Furjana u ġie midfun skond xewqtu fiċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żebbuġ

**Xogħlijiet f'Malta**

- 1904 l-ewwel suċċess kien il-monument ta' 'Les Gavroches' monument tal-bronz. Għamlu meta temm l-istudju tiegħu u kien irregalah lis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ fl-1907. Għax huma kienu li għenuh barra l-Gvern biex jistudja barra minn Malta. Is-Soċjetà wara rregalatu lill-Gvern ta' Malta. Dan jinsab fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq, il-Belt.
- 1914 Monument ta' Sir Adrian Dingli l-Mall, Furjana.
- 1917 Monument ta' Kristu Re biex ikaffar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar Malta fl-1913. Ġie inawgurat fit-30 ta' Diċembru 1917.
- Monument ta' l-Assedju l-Kbir biex ifakkar ir-rebħa tal-Maltin u l-Kavallieri fuq it-Torok, ġie inawgurat fit-8 ta' Mejju 1927.
- 1930 l-Arab Horses din kienet tal-bronż u kienet tinsab fix-Xara Palace Hotel l-Imdina, li ġiet misruqa dan l-aħħar.
- Knisja ta' San Duminku, il-Belt. Vent Artal tal-fidda tad-Duluri li għadu jintrema f'Corpus.
- Basilika ta' l-Isla. Artal ta' Kristu Re.
- 1945 Monument ta' Lord Strickland. Dan kien l-aħħar xogħol tiegħu. Ix-xogħol tekniku sar kollu minnu f'Villa Bologna, Ħ'Attard f'wieħed mill-workshops. Biex seta' ikompli dan ix-xogħol ġie megħjun minn ħuh Francis u Ġużè Galea imħabba li kien ġa qed ibati minn paraliżi progressiva. Ġużè Galea kien inkarigat minn Sciortino biex il-mudell jieħdu Ruma ħa isir il-monument tal-bronż.
- 1947 Il-monument ta' Lord Strickand tqiegħed fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq, il-Belt, ħdejn l-ewwel monument tiegħu 'Les Gavroches'

**Xogħlijiet f'pajjiżi oħra**

**Amerika** - 1911 rebaħ l-ewwel premju f'konkors internazzjonali ġewwa St. Petersburg għall-mudell tal-monument ta' l-Imperatur Alexandru II tar-Russia. Iżda ġie sqwalifikat i mħabba li x-xogħol ma kienx skont ir-regoli. L-Imperatur stess xorta waħda xtara l-mudell għas-somma li kien jikseb b'ewwel premju.

**Ingilterra** - 1914 - 1917 meta kien Ruma ħadem mudell biex jikkommemora l-mejtin ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija, biex jinbena f'Londra. Tempju ta' l-Imperu Ingliż lis-sultat mhux magħruf. Dan ġie miżmum mill-Kummissarju Ingliż tax-Xogħlijiet Pubbliċi imħabba l-ispejjes kbar għall-bini tiegħu. Hu ħadmu fuq skala ta' 1 għall 200 id-daqs propju kellu jkun 500 yd. kwadru.

Fl-1927 Nina de Vetluna kien għamilha għal wirja f'Londra għal prezz ta' 300 frank iżda bi żball il-prezz kitbuh 3000 frank, poġġew '0' żejda. Imħabba li kellu iktar talbiet għal Nina de Vetluna għal prezz ta' 3000 frank kull waħda, bagħat waħda b'xejn lill-poplu ta' Malta.

**Russia** - tifkira ta' Anton Tschekov drammaturgu famuż mill-Krimea li tpoġġa f'Rostov fuq ix-xmara Don.

**Afrika ta' Isfel** - 1923 Monument ta' Sir Edwin Egerton.

**Brażil** - Monument tal-Proklamazzjoni tar-Republika tal-Brażil 1926.

**Franza** - it-tieni premju f'konkors internazzjonali li sar ġo Pariġi għall-monument tal-Ġeneral Simon Bolivar l-eroj ta' l-Amerika t'Isfel 1929.

Bħalma fi snin oħra l-Każin Banda San Filep fakkar nies kbar Żebbuġin hekk din is-sena se jfakkar lil Antonio Sciortino f'għeluq il-ħamsin sena minn mewtu billi jikxef lapida apposta mal-faċċata mponenti tal-Każin li tagħti propju għat-triq li hija msemmija għalih.